# RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 422 TAT-TNEJN, 24 TA' LULJU 2006

Rigward il-punt imqajjem mill-Onor Joe Mizzi fis-Seduta 417 ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju 2006, u preċiżament dwar jekk il-laqgħa li kienet qed tinżamm simultanjament tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, imxietx skond il-proċeduri;

U billi s-Sedja, b'risposta għall-punt imqajjem mill-Onor Mizzi iddikjarat li xtaqet l-ewwel tisma' lill-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp qabel ma tagħti d-deċiżjoni tagħha;

U peress li l-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp debitament irrapporta lill-Kamra f'għeluq ix-xogħol fis-Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju a termini ta' dak li jitolbu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dwar l-eżitu ta' l-erba' laqgħat li żamm l-istess kumitat;

U peress li ma jidher li tressaq l-ebda rapport minoritarju kif jipprovdu l-Ondnijiet Permanenti numru 135;

Is-Sedja tasal biex tikkonkludi li minn dak li tressaq quddiemha, l-assurzjoni ta' l-Onor Mizzi li l-laqgħa ma mxietx skond il-proċeduri hija bla bażi.